# GAVINO GULIA F'EGHLUQ IL-MITT SENA MILL-MEWT TIEGHU

## Tabib maħbub, Botaniku ta' fama u kittieb magħruf

**jikteb il-Kan. JOSEPH BONELLO**

***Fost il-Bormliżi magħrufa għall-karriera tagħhom fil-qasam tal-Mediċina u fl-istudju tal-Botanika nsibu lit-Tabib GAVINO GULIA, li waħda mill-pjazez ta' Bormla ġiet imsemmija għalih: PJAZZA GAVINO GULIA.***

Gavino Gulia twieled f'Bormla fit-18 ta' Ġunju 1835 u ġie mgħammed fil-Parroċċa tagħna minn zijuh Dun Salv Gulia, il-Viċi-Kappillan ta' Bormla. Missieru kien it-tabib Pietru Pawl Gulia, magħruf bħala bniedem ta' l-affari tiegħu u rrispettat minn kulħadd. Omm Gavino kienet is-Sinjura Magdalena Stivala. Kellu tliet ħutu subien: Ernesto li kien Avukat u wara laħaq Imħallef, magħruf għall-karattru "allegro e simpatico" tiegħu; Amabile, li kien it-tabib prinċipali ta' l-Isptar tal-Moħħ u Carmelo, tabib, li nxteħet b'ruħu u b'ġismu fuq ix-xogħol tal-professjoni tiegħu u li miet fl-1925, ħafna snin wara ħutu.

### TABIB MAHBUB

It-tfajjel Gavino kien intelliġenti u ta' memorja tajba. Studja fl-Università ta' Malta, fejn kellu surmastrijiet mill-aqwa. Għall-Filosofija u t-Teoloġija kellu l-Abate Salvatore Cumbo; għall-Botanika lill-magħruf Stefano Zerafa u għall-Fiżika lil Prof. Gius. Wettinger. Sar tabib fl-età ta' 26 sena. Għamel studju ntensiv fl-Università ta' Pariġi, fejn ħa Diploma Speċjali fil-Mediċina. FL-1880 sar Professur tal-Mediċina u ta' l-Istorja Naturali fl-Università tagħna. Kien membru permanenti fil-Kummissjoni dwar il-Mard tal-Moħħ u flimkien mat-tabib Antonio Ghio ipprepara rapport dettaljat dwar il-qagħda sanitarja tat-Tliet Ibliet. F'Bormla kellu żewġ kliniċi: waħda "Dr. Gulia Dispensary" f'73, Pjazza Marina (illum Triq ix-Xatt), u l-oħra "British Pharmacy" fi Strada Santa Tereża.

### BOTANIKU TA' FAMA

Meta kellu 12-il sena, Gavino kiteb "Repertorio Botanico Maltese" - xogħol xjentifiku dwar il-flora Maltija. Fl-1880 sar id-Direttur tal-Ġnien Argotti: post li minn dejjem kien miżmum mill-aqwa bottaniċi Maltin, bħal l-Bormliż Despott, Debono, Stefano Zerafa u l-Prof. Grech Delicata. Gavino kien membru attiv f'ħafna soċjetajiet barra minn Malta, tant li kien membru ta' "Accademia di Scienza Naturale" ta' Catania, fejn diversi drabi mar jagħmel taħditiet dwar l-Istorja Naturali. Kien soċju wkoll tal-"Horticultural Society" tal-Ġermanja u tal-"Botanical Society" ta' Pariġi. Kien Gavino wkoll l-ewwel wieħed li kiteb studju serju u xjentifiku dwar l-insetti u l-ħut tal-gżejjer Maltin. Dan ix-xogħol ferm interessanti u meħtieġ ġie msejjaħ "Most interesting and able treatise". Ta' spiss kien jagħti 'Lectures" dwar il-ħxejjex, il-ħut, il-fjuri, is-



siġar u l-insetti li hawn Malta. Il-gazzetti ta' dak iż–żmien faħħru din l-attività tat-Tabib Gulia.

### KITTIEB MAGHRUF

It-tabib Gavino kellu "general knowledge" vast; kien jikteb u jitkellem tajjeb ferm il-Latin, it-Taljan, l-Ingliż u l-Franċiż u dilettant tal-Letteratura Taljana u Franċiża. Kien ħabib intimu tal-Prof. Ramiro Barbaro di San Giorgio, letterat magħruf u l-ewwel President u Fundatur tal-Banda tagħna, li għalih hija msemmija: SAN GIORGIO. Kien il-fundatur tal-"GAZZETTA DI MEDICINA E SCIENZE NATURALE" li ħarġet l-ewwel darba fil-25 ta' Lulju 1871 - gazzetta xjentifika u ta' livell għoli. Kienet tassew "a scientific of high standard". Damet toħroġ sal-5 ta' Ottubru 1877. Kien ukoll Oratur magħruf; ta' spiss mitlub jagħmel diskorsi f'okkażjonijiet speċjali.

### IMUT TA' 54 SENA

Il-Prof. Gavino Gulia miet f'salt id-dar tiegħu f'Wied il-Għajn, fl-24 ta' Diċembru 1889 - mitt sena ilu. Kellu biss 54 sena. Sarlu funeral gwapp u ndifen fil-knisja parroċċa ta' Ħaż-Żabbar. Billi kien maħbub minn kulħadd għall-

*ikompli f'paġna 8*

# GAVINO GULIA

*ikompli minn paġna 7*

għerf u l-ġenerożità tiegħu, il-mewt ta' Gavino ġiet imħabbra fil-gazzetti lokali b'tifħir għal dan il-Bormliż. Il-"MALTA NEWS" tas-27 ta' Diċembru 1889 kitbet li l-mewt tat-Tabib Gulia "awakened the most profound regret among all classes of society". Gazzetta oħra qalet li Malta ssofri telfa kbira bil-mewt tal-Prof. Gulia.

Il-Prof. Gavino Gulia jibqa' magħruf bħala "one of Malta's ablest scientists" li għamel unur mhux biss lill-Bormla, iżda wkoll lil Malta.

## IBNU GIOVANNI

Gavino kellu tifel wieħed, li twieled f'Bormla fl-1 ta' Frar 1864, u bħal missieru kien tabib u interessa ruħu fl-istudju tax-Xjenza Naturali u tal-Botanika. Kien D.M.O. tal-Birgu, ta' Bormla u tal-Belt. Kien iħobb igħin lill-morda u ta' spiss ma kienx jieħu flus għall-viżti tiegħu. Dam ħafna żmien tabib f'Għawdex, iżda ħadem ferm f'Bormla fi żmien il-kolera ta' 1888. Kiteb bil-Malti dwar il-fjuri, frott, ħut u nsetti ta' Malta. Kien dilettant ħafna tal-palk Malti.

Giovanni miet traġikament fl-Eġittu fil-Port ta' Lixandra meta l-vapur li kien fuqu, għereq fit-22 ta' Jannar 1918.



# IL BARTH

GAZZETTA DI MEDICINA E SCIENZE NATURALI

DEL DR. GAVINO GULIA.

Un foglio separato vendesi 1s. dal Sig. P. Calleja Str. Teodoro, sotto la Loggia, dal quale si ricevono le associazioni a 8s. 4.1. l'anno, non compreso le spese di posta

No. 1. Malta, 25 Luglio 1871. Anno I.

SOMMARIO—Proemio—Sulle Febbri endemiche di Malta—Vaiuolo e Statistica—Occlusione intestinale—Virtù antisettica dell' Etiope minerale—Ostetricia — Notizie diverse — Comunicazioni.

PROEMIO—Ho reputato utile impresa la pubblicazione di un giornale di Medicina e Scienze Naturali, invitando a scrivervi tutti coloro che possono darvi materia. Queste scienze hanno avuto in Malta, in tutti i tempi, strenui cultori. Basta citare i nomi di Giorgio Locano, Giuseppe Zammit, Giuseppe Demarco, Giovanni Francesco Buonamico, Michelangelo Grima, Agostino Nardi, Stefano Zerafa, e d'altri, i quali lasciarono grande fama di sè e per la vasta e solida erudizione di scritti clinici o per le interessanti osservazioni sulla storia naturale o per gli insegnamenti dati alla gioventù o per profondo sapere clinico. Un altro fra i nostri maggiori, che più onorasse quest' Isola, fu Giuseppe Barth, in omaggio alla cui memoria è dedicata questa pubblicazione periodica.

Egli qui nasceva l'anno 1745 da Niccolò Barth e da Maddalena Sciberras. Avendo ancor giovane mostrato grande ingegno, e diuturno amore dello studio, s'ebbe Egli la protezione del Commendatore Smitmer, che seco lo condusse in Austria, dove il Nostro acquistò amici ed ammiratori, e superando l'invidia degli stranieri, fu eletto col generale applauso ad occupare la cattedra di Anatomia Sublime e di Fisiologia dell' Università di Vienna. Egli diede una spinta poderosa al progresso dell' Oftalmologia, e, Principe degli Oculisti Europei, in allora, oggi occupa un posto cospicuo nella storia della Chirurgia. L' Imperatore Giuseppe II, guarito dal Nostro da un male d'occhi, lo colmò di tutti gli onori che dai sovrani sogliono concedere ai più distinti personaggi. Fu consigliere aulico per lungo tempo. Il Barth tenne in molto pregio le belle arti per le quali ebbesi gusto squisito: e la stima in cui per questo fu tenuto dal Grande Canova n'è una prova non dubbia. Si travagliò molto intorno alle antichità dei Greci e Romani e formò un ricchissimo gabinetto di antiquaria, che fu acquistato da Leopoldo II, dal quale il Nostro fu stimato assai. Giuseppe Barth cessava di vivere in Vienna addì 7 aprile 1818 carico di onori e di gloria.

Nè ai nostri tempi mancano i dotti seguaci di Ippocrate e di Linneo: ed è perchè sono abbastanza conosciuti per non offenderne la modestia che io mi rimango dal citarne i riveriti nomi. Il loro valevole ajuto, può assicurare un esito felice alla mia impresa, per cui li invito e li prego di ajutarmi di buon cuore coi consigli e cogli scritti. E considerando che in una Isola come è questa, non è luogo a più di una pubblicazione di questo genere, mi parve buon consiglio quello di offerire le colonne di questo giornale anche ai medici connazio-

*L-ewwel paġna ta' l-ewwel ħarġa ta' 'IL-BARTH' tat-Tabib Gavino Gulia.* ☞




PERFECT RESULTS EVERYTIME

PASTA DI SEMOLA DI GRANO DURO







CASIBILLE Tel. 878172 786134

Aluminium & Furniture works

Għal kull xorta ta' linef; Salotti; Għamara, Saqqijiet irrikorru għand: DENNIS DELCEPPO

Factory:- QOTON STREET, ŻABBAR from 7 a.m. — 3 p.m.
Showroom:- 38, ST. FRANCIS STR., COSPICUA (St. Paul's Church Area).
From 9 a.m. — 12 noon, and from 4.30 p.m. — 7.00 p.m.